

Rapport Ġenerali 2018 - Sommarju Eżekuttiv



Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Din il-pubblikazzjoni hija maħsuba biss għal skopijiet ta' informazzjoni u mhux neċessarjament tirrappreżenta l-opinjoni uffiċċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) mhijiex responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Din hija silta mir-Rapport Ġenerali tal-ECHA tal-2018.

Dan id-dokument ikopri d-Daħla, il-Mandat legali, il-viżjoni, il-missjoni u l-valuri tal-ECHA u s-Sommarju eżekuttiv tar-rapport.

Ir-rapport sħiħ hu disponibbli bl-Ingliż fuq:

<https://echa.europa.eu/mt/about-us/the-way-we-work/plans-and-reports>

Titlu: Rapport Ġenerali 2018 – Sommarju Eżekuttiv

Referenza: ECHA-18-B-05-MT

ISBN: 978-92-9481-187-5

Kat. Numru: ED-AR-19-001-MT-N

ISSN: 2467-3048

DOI: 10.2823/58301

Data tal-pubblikazzjoni: April 2019

Lingwa: MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2019

Qoxra © Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti relatati ma' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota ir-referenza u data tal-ħruġ) bl-użu tal-formola tat-talba għall-informazzjoni. Il-formola tat-talba għall-informazzjoni tista' tiġi aċċessata permezz tal-paġna Kkuntattja lill-ECHA fuq:

<https://echa.europa.eu/mt/contact>

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, il-Finlandja

Indirizz għaż-żjarat: Annankatu 18, Helsinki, il-Finlandja

Rapport Ġenerali 2018 – Sommarju eżekuttiv

L-2018 kienet sena eċċezzjonali għall-ECHA. L-iżviluppi ewlenin koperti f'dan ir-rapport ġenerali se jkollhom impatt fuq ix-xogħol tagħna fuq l-użu sigur tal-kimiċi – illum u għas-snin li ġejjin.

Bħala d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid tal-ECHA, Bjorn ħa l-inkarigu tal-Aġenzija fil-bidu tas-sena. It-trasferiment u t-transizzjoni mxew mingħajr xkiel, u ppermettew introduzzjoni qasira tas-sistema kumplessa tal-proċessi u l-istrutturi tal-ECHA. Dan kien kruċjali qabel it-tielet skadenza ta' reġistrazzjoni ta' REACH f'Mejju, li temm ir-reġim transizzjonali għal sustanzi fis-suq tal-UE. Aħna issa niftħu l-kapitolu li jmiss dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn kimiċi perikolużi. L-ECHA għandha ħafna informazzjoni dwar il-kimiċi. Fl-istess ħin, aħna nafu li għad m'hemmx informazzjoni importanti dwar is-sigurtà u se jkollna b'zonn naħdmu fuq dan.

Il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni rieżami tar-Regolament REACH fl-2018. L-Aġenzija analizzat is-sejbiet kollha mir-rieżami u żiedet l-azzjonijiet li għandha fuqha fil-Programm ta' Hídma tagħha tal-2019, kif ukoll fil-pjan strateġiku l-ġdid tagħha ta' ħames snin, wara konsultazzjoni pubblika. Il-Bord ta' Tmexxija pprovda input siewi għall-abbozzar ta' dan il-pjan strateġiku, sa mill-bidu tal-proċess fl-2016. Il-pjan strateġiku l-ġdid huwa bbażat fuq il-kompetenzi tal-ECHA fix-xogħol xjentifiku-regolatorju u l-IT. Bit-tliet prijoritajiet strateġiċi tiegħu, dan jiffoka fuq il-kompiti regolatorji ewlenin tal-ECHA taħt REACH, CLP, BPR u PIC, kif ukoll fuq il-kompiti l-ġodda tiegħu, bħal-limiti tal-esponiment għax-xogħol u s-sejba tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kimiċi. Ninsabu fiduċjużi li fil-futur dan se jkun il-gwida direzzjonali għall-ECHA. Se jgħinna biex ninnavigaw l-inċertezzi tal-lum u negħlbu l-isfidi tal-futur – il-qafas finanzjarju pluriennali ġdid jew l-irtirar tar-Renju Unit mill-UE, biex insemmu tnejn.

Aħna rridu li l-Aġenzija tkun ippreparata għall-isfidi li ġejjin, kemm esternament, lejn l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll internament. B'din il-konsiderazzjoni, l-Aġenzija investiet sforz sinifikanti biex tanalizza l-istruttura tagħha u tara kif tista' tittejjeb biex taqdi bl-aħjar mod il-pjan strateġiku ġdid. Ix-xogħol u l-proċessi kollha issa huma miġbura skont il-kompetenzi. Aħna nemmnu li din l-organizzazzjoni mill-ġdid se tippermettilna nkunu aktar effiċjenti fix-xogħol tagħna u niffaċċjaw kompiti ġodda b'mod aktar koerenti.

Hemm ħafna aktar kisbiet inkoraġġanti fl-2018 li r-rapport preżenti jindirizza, u aħna nistiednuk biex taqrah. Ir-rapport juri wkoll id-direzzjoni tal-ħídma ulterjuri tagħna – u aħna entużjasti ħafna li nindirizzaw dawn l-isfidi flimkien mal-persunal u l-partijiet ikkonċernati tal-ECHA.



“Sibt organizzazzjoni matura u aġili li ħallietni nżid il-kontribut tiegħi malajr ħafna biex nilħaq l-għan komuni ta’ regolamentazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi sostenibbli.”

Bjorn Hansen
Direttur Eżekuttiv

Bjorn Hansen
Direttur Eżekuttiv

Sharon McGuinness
President tal-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA

Il-mandat legali tal-ECHA

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija korp tal-Unjoni Ewropea (UE) li għe stabbilit fl-1 ta' Ġunju 2007 mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar "ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni, u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)".

L-ECHA għet stabbilita għall-iskopijiet ta' ġestjoni u, f'xi każijiet, biex twettaq l-ażpetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tar-Regolament REACH u biex tiżgura konsistenza f'livell tal-UE. Għet stabbilita wkoll biex tiġġestixxi kompiti relatati mal-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanzi kimiċi, li, mill-2009, kienu regolati mir-Regolament dwar il-"Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet" (Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Fl-2012, il-mandat tal-ECHA tkabbar bir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali - ir-"Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali" (BPR).

Ir-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsens Infurmat Minn Qabel (PIC) (Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi) ukoll daħlet fis-seħħ fl-2012. Fl-2014, ċerti kompiti relatati mal-PIC ġew trasferiti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea għall-ECHA. Dawn l-atti leġiżlattivi huma applikabbli fl-Istati Membri (SM) kollha tal-UE mingħajr il-ħtieġa ta' traspożizzjoni f'liġi nazzjonali.

Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-ECHA

Il-missjoni tal-ECHA¹

Aħna, flimkien mal-imsieħba tagħna, naħdmu għall-użu sigur tas-sustanzi kimiċi.

Il-viżjoni tal-ECHA

Li tkun iċ-ċentru tal-għarfien dwar il-ġestjoni sostenibbli tas-sustanzi kimiċi, fejn tiġi offruta firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE u inizjattivi globali, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-ambjent.

Il-valuri tal-ECHA

Trasparenti

Aħna ninvolvu b'mod attiv lill-imsieħba regolatorji u lill-partijiet ikkonċernati tagħna fl-attivitajiet tagħna u aħna trasparenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nagħmluha faċli biex ninftiehm u biex wieħed jikkomunika magħna.

Indipendenti

Aħna indipendenti mill-interessi esterni kollha u aħna imparzjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nikkonsultaw il-membri tal-pubbiku b'mod miftuħ qabel ma nieħdu haqna mid-deċiżjonijiet tagħna.

Affidabbli

Id-deċiżjonijiet tagħna huma bbażati fuq ix-xjenza u huma konsistenti. Il-kontabilità u s-sigurtà ta' informazzjoni kunfidenzjali huma l-pilastru tal-azzjonijiet kollha tagħna.

Effiċjenti

Aħna xprunati mill-għanijiet, impenjati u dejjem infittxu li nużaw ir-riżorsi tagħna bil-għaql. Napplikaw standards ta' kwalità għolja u nirrispettaw l-iskadenzi.

Impenjati lejn il-benessri

Nistimulaw l-użu sigur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-bniedem fl-Ewropa u biex niproteġu u ntejbu l-kwalità tal-ambjent.

¹ Il-missjoni u l-viżjoni tal-ECHA ġew imġedda matul l-2018. Il-missjoni u l-viżjoni l-ġodda huma effettivi minn Jannar 2019.

Kisbiet ewlenin fl-2018

Wara l-perjodu ta' reġistrazzjoni ta' 10 snin, li t-tmiem tiegħu kien immarkat bl-aħħar skadenza ta' REACH ġestita b'suċċess fl-2018, l-ECHA issa għandha data dwar is-sustanzi rreġistrati kollha fis-suq tal-UE. Flimkien mal-Istati Membri, l-ECHA issa tista' tuża s-sors uniku tagħha ta' informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi biex tiddetermina liema sustanzi jistgħu jitqiesu bħala siguri u dawk li jeħtieġu aktar azzjoni regolatorja. Filwaqt li s-sitwazzjoni hija ferm aħjar milli kienet qabel REACH, xorta huwa ċar li l-kwalità tal-informazzjoni ma tippermettix li jsiru konklużjonijiet immedjati għal ħafna sustanzi.

Bħala tali, l-ECHA se jkollha bżonn tintensifika l-ħidma tagħha biex ittejjeb il-livell ta' konformità tal-informazzjoni mressqa mill-industrija. L-input siewi mir-Rieżami REACH² tal-Kummissjoni Ewropea għen biex jiġu ffokati l-prijoritajiet tal-ECHA fejn il-ħidma tal-Aġenzija jista' jkollha l-akbar impatt fuq il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Fl-iżvilupp u fil-finalizzazzjoni ta' pjan strateġiku ġdid għall-2019-2023, l-Aġenzija ħejjiet ruħha għal sfidi futuri u biex twettaq kompiti b'mod effiċjenti u effettiv taħt REACH, CLP, il-BPR u PIC flimkien ma' xogħol f'oqsma ewlenin ġodda inklużi kompiti relatati maċ-ċentri kontra l-velenu, limiti ta' esponiment fuq ix-xogħol, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, il-Finder tal-UE tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Kimiċi u inkwinanti organiċi persistenti.

OPERAZZJONIJIET

- **Il-fażi ta' reġistrazzjoni ta' REACH tlestiet** mingħajr ma kkawżat tfixkil fis-suq. Il-kumpaniji rċevew appoġġ għar-reġistrazzjoni ta' 28,357 dossier u bbenefikaw minn appoġġ imtejjeb biex iħejju d-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom. L-ECHA sejra tħares lejn modi kif ittejjeb il-livell ta' konformità.
- Il-kumpaniji setgħu jissottomettu r-reġistrazzjonijiet tagħhom **sal-iskadenza tal-2018** billi jużaw għodod u appoġġ tal-IT. L-ECHA issa għandha data dwar is-sustanzi kimiċi l-aktar użati fis-suq tal-UE u tista' tevalwaha flimkien mal-Istati Membri.
- **Ġiet ippublikata data ewlenija dwar is-sustanzi kimiċi**, inkluża l-informazzjoni kollha ta' reġistrazzjoni sottomessa għall-iskadenza tal-2018, u r-rapporti tal-valutazzjoni tal-prodott bijoċidali u s-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott tal-prodotti awtorizzati. L-ECHA qed tiegħu passi biex tagħmel użu ulterjuri mid-data li ġabret matul is-snin.
- L-ECHA żviluppat approċċ biex tidentifika l-ispazju kimiku ta' sustanzi rreġistrati taħt REACH biex tappoġġa l-ilħuq tal-għanijiet **tal-istrateġija regolatorja integrata** u żżid it-trasparenza dwar kif l-awtoritajiet jindirizzaw is-sustanzi kollha fis-suq tal-UE b'mod proporzjonat. Dan jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2020.
- L-ECHA kompliet tiffoka fuq il-ġenerazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tikkjarifika **l-effetti fit-tul ta' sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent**, u żiedet l-effiċjenza tal-evalwazzjoni billi tindirizza gruppi ta' sustanzi. Abbozzi ta' deċiżjonijiet uniċi issa huma indirizzati lir-reġistranti ewlenin kollha tas-sustanzi fi grupp partikolari. L-Aġenzija qed tipprepara biex tindirizza n-nuqqas ta' konformità kif ukoll it-tħassib imqajjem fid-diskussjonijiet pubbliċi dwar din il-kwistjoni.
- L-ECHA kienet kompletament **trasparenti** għall-operaturi u l-partijiet ikkonċernati dwar l-istatus tad-deċiżjonijiet ta' evalwazzjoni permezz ta' aġġornamenti rilevanti ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija.
- B'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, **sustanzi relatati kimikament irreġistrati 'l fuq minn 100 tunnellata fis-sena ġew raggruppati** - u dan jikkontribwixxi biex jiġi fformat fehim aħjar tal-univers kimiku u l-implimentazzjoni ta' azzjoni regolatorja effettiva u koerenti fejn meħtieġ.

2 Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-operazzjoni ta' REACH u r-rieżami ta' ċerti elementi, COM(2018) 116 finali disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/review_mt.

- Żdiedu 16-il sustanza ġdida mal-**Lista tal-Kandidati**. Seba' sustanzi ġew irrakkomandati sabiex jiżdiedu mal-**Lista ta' Awtorizzazzjoni** minħabba t-theddida li joħolqu għas-saħħa u l-ambjent. Saru preparazzjonijiet biex tiġi aċċettata l-mewġa ta' applikazzjonijiet li jmiss għall-awtorizzazzjonijiet.
- L-ECHA żviluppat numru rekord ta' **proposti ta' restrizzjoni**, li wħud minnhom kisbu bażi ġdida, bħall-proposta dwar il-mikroplastiki.
- L-ECHA aċċellerat **sostituzzjoni** sinifikanti, infurmata u innovattiva billi tejbet l-aċċess għall-bażi tad-data pubblika tagħha dwar is-sustanzi kimiċi, fejn żdiedet il-kapaċità tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati biex janalizzaw l-alternattivi, u ssaħħu l-opportunitajiet tan-netwerking.
- It-tendenza li jiġu sottomessi dossiers ta' **klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati** żdiedet b'madwar 50 %, prinċipalment minħabba sottomissjonijiet relatati ma' sustanzi attivi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u dawk bijoċidali.
- L-ewwel sett ta' għodod għan-notifika armonizzata ta' informazzjoni dwar taħlitiet perikolużi għal **ċentri kontra l-velenu** ġie pprovdut lill-industrija u l-ħidma mxiet 'il quddiem fil-portal ċentrali ta' notifikazzjoni għall-awtoritajiet.
- Biex tħaffef il-**Programm ta' Rieżami tal-Bijoċidi**, l-ECHA bdiet tippovdi appoġġ aktar bikri u akbar lill-Istati Membri. Ingħataw l-ewwel awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni li jippermettu lill-kumpaniji jkollhom il-prodotti bijoċidali tagħhom awtorizzati għas-suq kollu tal-UE b'applikazzjoni waħda.
- Kwalità mtejbja tal-informazzjoni regolatorja fin-notifiki tal-esportazzjoni magħmula taħt PIC ippermettiet lill-awtoritajiet mhux tal-UE jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar.
- L-ECHA iddeċidiet li tipproċedi bl-iżvilupp ta' **Finder tal-UE tal-Legizlazzjonijiet dwar il-Kimiċi**, wara l-konklużjonijiet tal-istudju ta' fattibilità mwettaq fl-ewwel fażi tal-proġett.
- **L-Osservatorju tal-UE għan-Nanomaterjali** ġie estiż aktar b'informazzjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

GOVERNANZA

- **Pjan strateġiku ġdid** adottat mill-Bord ta' Tmexxija u r-**rieżami tal-istruttura organizzattiva** għenu lill-Aġenzija tipprepara għal sfidi futuri. Il-prijoritajiet il-ġodda, flimkien mal-istrateġija l-ġdida ta' komunikazzjoni li qed titħejja, jorbtu mill-qrib il-ħidma tal-ECHA mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU.
- **Id-Direttur Eżekuttiv il-ġdid** tal-ECHA kompla l-flussi ta' komunikazzjoni sodi u r-relazzjoni mal-istituzzjonijiet, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tad-Direttur Eżekuttiv li telaq.
- **Il-ħidma tal-Kumitat** hija ġestita b'suċċess grazzi għal livell għoli kontinwu ta' impenn u dedikazzjoni tal-membri u tal-esperti tal-Istati Membri.
- Proġetti ewlenin ta' infurzar ikkoordinati **mill-Forum** iffukaw fuq obbligi mmirati lejn il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ħaddiema, li juru li l-informazzjoni dwar il-periklu hija l-aktar nieqsa għal sustanzi kimiċi mibjugħa online u li hemm nuqqasijiet fl-informazzjoni dwar is-sigurtà mgħoddija lill-ħaddiema.
- **Il-HelpNet** offra appoġġ sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' reġistrazzjoni ta' REACH 2018 u jissottomettu d-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom fil-ħin.
- **In-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà** estenda l-mudell ta' sigurtà għall-aċċess għall-bażijiet tad-data tal-ECHA għal esperti individwali involuti fil-kumitati tal-ECHA.
- **Finanzi**: Is-sistema ta' finanzjament imħallat, taħlita ta' dħul minn tariffi u sussidju ta' bilanċjar tal-UE, kienet ta' sfida b'mod partikolari fl-2018. Dan kien minħabba l-imprevedibbiltà tal-volumi ta' reġistrazzjoni li ġejjin mill-iskadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH. Dan irriżulta f'riżultati diverġenti – aktar dħul mit-tariffi taħt REACH u inqas taħt il-BPR milli kien mistenni.
- Ġiet implimentata **strateġija ġdida dwar ir-riżorsi** umani biex tiggwida d-direzzjoni tal-iżvilupp tal-HR tal-Aġenzija fit-tul.
- L-implimentazzjoni ta' inizjattivi relatati **mal-iżvilupp futur** tal-ECHA avanzat.